# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' Gunju 2020

**Rikors Konġuntiv Numru : 542/2019 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**EM**

**U**

**GG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt ġuramentat ta' EM u GG, datat 29 ta' Novembru 2019 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu fit-3 ta' Awwissu tas-sena 2002 kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok A, u matul iż-żwieġ ma twieldu l-ebda ulied.*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku in atti Nutar Dr Ruben Casingena nhar it-28 ta' Mejju tas-sena 2007, li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok B.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom.*

*Illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1, tippronunzja d-divorzju ta' bejn il-partijiet;*
*2. tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Illi EM xehdet (fol 11) li hija iżżewwġet lil Glenn Galea fit-3 ta' Awwissu 2002 u li minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Iz-zwieġ ma rnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni datat 28 ta' Mejju 2007. Mid-data ta'separazzjoni personali sal-llum, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewwġin. Manteniment dovut bejn il-partijiet ma hemmx.

GG xehed (fol 13) u ikkorrobora u ikkonferma dak li xehdet martu a fol 11 et seqq tal-proċess. Żied jgħid li tama ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet ma hemmx.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma***

***jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Awwissu 2002 (Vide Dok A fol 2) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Ruben Casingena datat 28 ta' Mejju 2007 (vide Dok. B fol 3 et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx;

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**